# 412. L-Emigranti

Il-Minġel u l-Moħriet telqu l-għelieqi,
is-Serrieq u l-Martell telqu l-ħanut,
għaliex il-qliegħ mix-xogħol ma kienx utieqi,
kull wieħed kien bil-ġuħ qiegħed imut;
    u l-erbgħa flimkien
krew dgħajsa sabiħa miżbugħa bl-ilwien,
bl-imqadef, bil-qalgħa, għasfura ħafifa,
    xummiema nadifa,
    għasfura ħafifa.

Is-Serrieq kien miżżewweġ mal-ixkupa;
'l-Imgħażqa kien miżżewweġ il-Moħriet,
kellhom tifla, lexxuna, qisha pupa;
Il-Minġell bħall-Martell, kien ġuvni kwiet.
    Kappell kbir lebsin
l-Ixkupa u l-Imgħażqa bdew telgħin,
b'żarbuna f'sieq waħda, ġod-dgħajsa sabiħa,
    mimlija bil-fwieħa,
    fid-dgħajsa sabiħa.

L-Imgħażqa kellha magħha lil-lexxuna,
u wara daharha kellha l-azzarin,
l-Ixkupa ħadet magħha lill-fekruna,
u l-ark li jdoqq dak żewġha bħal vjolin;
    u telqu ferrieħa
lejn l-art wisq imbiegħda, lejn l-art wisq sabiħa,
bl-imqadef, bil-qalgħa, bid-dgħajsa ħafifa,
    mar-riħ tal-ħarifa,
    bid-dgħajsa ħafifa.

U sħabhom il-għodod sellmulhom mix-xtajta,
xejrulhom l-imqadef, sparawlhom xi tir,
weġbuhom mid-dgħajsa, b'maktur u b'xi għajta,
xejrulhom l-imqadef, sparawlhom xi tir.
    Kif għabu fil-bogħod,
lejn darhom il-għodod dlonk telqu bil-mod,
jistaqsu x'sa jagħmlu b'dawk l-għodod neqsin,
    kif, kif, x'waħda din,
    b'dawk l-għodod neqsin!

L-Imgħażqa bl-azzarin toqtol xi tajra,
l-Ixkupa ttella' l-ħut minn ġewwa l-qiegħ,
u daqqa jieklu nej, u daqqa msajra;
l-irġiel jaqdfu bl-imqadef bla mistrieħ.
    L-Ixkupa bis-sieq
iddoqq filgħaxija bil-ark lis-Serrieq,
il-Minġell, l-Imgħażqa jiżżeffnu flimkien
    għall-qamar leqqien
    jiżżeffnu flimkien.

U fl-aħħar waslu sħaħ u qawwijin
fil-post il-ġdid; l-Imgħażqa u l-Moħriet
mal-Minġel u s-Serrieq għal ġol-ibliet;
    Ferħan il-Martell
iżżewweġ lit-tnalja li libset kappell;
u kellhom uliedhom u għexu henjin,
    u ħadmu beżlin,
    u għexu henjin.